A.L. 138 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 BIEX IĦAJJAR PERSUNI JSIRU SID DARHOM

(ATT NRU. XXVIII TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1990 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar) (Settur Privat)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1988 biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom, id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali b'responsabbiltà għad-Djar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar) (Settur Privat). Titolu.

2. L-Iskema msejħa Skema ta' l-1990 għal Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar (Settur Privat) (Skema SHD 16) fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sabiex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom f'Malta. Għemil ta' l-Iskema.

3. L-Iskema msejħa Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar (Settur Privat), Skema HD 14, ippubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 126 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988 hija b'dan revokata. Revoka ta' l-Iskema HD 14.

SKEDA

(Regolament 2)

Skema ta' l-1990 għal Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar (Settur Privat)

(Skema SHD 16)

1. Din l-Iskema tista' tissejjaħ l-Iskema ta' l-1990 għal Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar (Settur Privat) (Skema SHD 16) u għandha tapplika għal applikazzjonijiet skond id-dispożizzjonijiet tal-klawżola 3 ta' din l-Iskema għal sussidju ta' imgħax fuq self għad-djar. Titolu.

2. F'din l-Iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser persuna li tapplika għal sussidju taħt din l-Iskema;

"l-Att" b'riferenza għall-klawżola 21 ta' din l-Iskema għandha l-istess tifsira mogħtija lilha f'dik il-klawżola;

"l-Att prinċipali" tfisser l-Att ta' l-1988 biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar;

Att XV ta' l-1976.

"benefiċjarju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali;

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u tinkludi kull persuna awtorizzata li taġixxi f'ismu;

"enfitewżi" tinkludi subenfitewżi;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"kiri" tinkludi sullokazzjoni;

"preskritt" tfisser preskritt mid-Direttur;

"residenza ordinarja" ma tinkludix residenza tas-sajf.

Applikazzjonijiet għal sussidju fuq self għad-djar.

3. (1) Kull min jikkwalifika biex jagħmel hekk taħt din l-Iskema jista' jagħmel applikazzjoni fuq il-formola preskritta lid-Direttur biex jitlob li jingħatalu s-sussidju ta' self għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmijin fil-klawżola 5 ta' din l-Iskema.

(2) Persuna tikkwalifika biex tapplika kif intqal qabel meta, fid-data ta' l-applikazzjoni u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskema:

(a) l-applikant jew, fil-każ ta' koppja miżżewġa jew koppja għarajjes, mart jew żewġ l-applikant jew l-għarusa/l-għarus, ikun ċittadin ta' Malta; u

(b) l-applikant ikun residenti ta' Malta u jkun ilu hekk residenti kontinwament għal mhux inqas minn tnax-il xahar konsekuttivi minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni; u

(ċ) l-applikant ma jkunx jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-finanzi biex jakkwista proprjetà immobbli f'Malta; u

(d) l-applikant ma jkollux fond, barra mid-dar ta' abitazzjoni li jkun se jiddisponi minnha skond id-dispożizzjonijiet tal-klawżola 6 fejn applikabbli, taħt titolu ta' proprjetà assoluta jew titolu ta' enfitewżi perpetwa jew titolu ta' enfitewżi temporanja għal aktar minn erbgħin sena mid-data ta' l-applikazzjoni, liema fond jista' jiġi okkupat mill-applikant bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (2) ta' din il-klawżola, applikazzjoni minn persuni għarajjes ta' xulxin għandha ssir f'isimhom it-tnejn u t-tnejn għandhom ikollhom età ta' aktar minn tmintax-il sena. F'każ bħal dan huma jkunu obbligati *in solidum* li jesegwixxu l-kondizzjonijiet kollha mniżżla f'din l-Iskema.

(4) Applikant li jkun persuna mhux miżżewġa jikkwalifika biex jagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema biss jekk l-applikant ikollu età ta' aktar minn tletin sena.

(5) Kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra x'imkien ieħor f'din l-Iskema, persuna ma tikkwalifikax biex tagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema jekk l-applikant jew mart jew żewġ l-applikant ikunu diġà bbenefikaw taħt:

(a) l-iskema ppubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 124 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988 jew xi skema oħra li tissostitwixxiha;

(b) xi għajnuna taħt dik li kienet magħrufa bħala "l-Iskema tal-*Home Ownership*" jew xi għajnuna oħra għax-xiri tad-djar biex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jew mid-Dipartiment ta' l-Art jew mill-Awtorità jew minn uħud minnhom flimkien.

(6) Persuna li, bħala persuna għarusa, kienet ibbenefikat taħt din l-Iskema jew xi waħda mill-iskemi ppubblikati bin-:

(a) Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 11 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar, 1987;

(b) Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 12 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar, 1987;

(ċ) Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 126 fil-Gazzetta tal-Cvern tas-16 ta' Frar, 1988;

u li l-għerusija tagħha tkun ġiet sussegwentement terminata, tikkwalifika darba biss biex tagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema basta li, b'żieda mal-kondizzjonijiet l-oħra mniżżla f'din l-Iskema, fid-data ta' l-applikazzjoni dik il-persuna tkun miżżewġa lil persuna differenti minn dik il-waħda li tagħha kienet għarusa kif intqal qabel u jkunu għaddew ħames snin mid-data ta' meta s-sussidju fuq is-self oriġinali jkun terminat mid-Direttur.

(7) Kull applikazzjoni taħt din l-Iskema għandu jkollha magħha dawk id-dokumenti li d-Direttur jista' jitlob u d-Direttur jista' jitlob lill-applikant biex jippreżenta kull dokument addizzjonali li hu jqis li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' din l-Iskema.

(8) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi approvata jkun mitlub jidħol fi ftehim mad-Direttur qabel ma l-applikant ikun jista' jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema u jekk l-applikant jonqos li jiffirma l-ftehim imsemmi meta jkun mitlub biex jagħmel dan mid-Direttur l-imsemmija applikazzjoni titqies li tkun ġiet abbandunata u l-approvazzjoni tagħha mid-Direttur tkun għal kollox mingħajr effett.

(9) Kull spejjeż magħmula mill-applikant f'konnessjoni ma' l-applikazzjoni tiegħu ma jkunux jistgħu jingabru lura mill-applikant sew jekk l-applikazzjoni tiegħu tiġi aċċettata sew jekk le.

Tagħrif.

4. (1) L-applikant għandu jagħti dak it-tagħrif kollu dwar il-mezzi finanzjarji tiegħu skond kif jista' jiġi mitlub li jagħti mid-Direttur u għal dan il-għan l-applikant għandu jawtorizza lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u lil kull persuna oħra skond kif ikun meħtieġ, biex jagħti lid-Direttur kull tagħrif dwar l-*income* u l-affarijiet finanzjarji ta' l-applikant.

(2) Id-Direttur jista' jitlob lill-applikant biex jiffirma kull dikjarazzjoni li huwa jista' jqis meħtieġa għat-twettieq ta' din l-Iskema u l-applikant għandu jippermetti lid-Direttur li jispezzjona r-residenza ordinarja tiegħu u kull fond ieħor miżmum minnu skond kif id-Direttur jista' jitlob.

Għan tas-self.

5. Is-self imsemmi fis-subklawżola (1) tal-klawżola 3 ta' din l-Iskema għandu jkun għal xi wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(a) għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni li ma tkunx dar ta' abitazzjoni tal-Gvern;

(b) għall-kostruzzjoni jew tlestija ta' dar ta' abitazzjoni fuq art mixtrija mill-applikant li ma tkunx art mixtrija mingħand il-Gvern:

Iżda dan sakemm id-dar ta' abitazzjoni jew l-art imsemmija hi jew ser tkun miżmuma mill-applikant taħt titolu ta' proprjetà assoluta jew ta' enfitewżi perpetwa jew ta' enfitewżi temporanja għal 40 sena jew iżjed u d-dar ta' abitazzjoni tiġi wżata esklussivament bħala r-residenza ordinarja ta' l-applikant u l-familja tiegħu:

Iżda wkoll meta t-titolu msemmi qabel ikun wieħed ta' enfitewżi temporanja għal inqas minn 40 sena l-applikant ma jiġix skwalifikat għal dik ir-raġuni waħedha jekk l-enfitewżi msemmija tkun għal iżjed minn 24 sena u ċ-ċenswalist ikun taht l-obbligu li jifdi ċ-ċens fi żmien il-perijodu msemmi.

Bdil ta' residenza ordinarja mis-sid assolut jew ċenswalist perpetwu.

6. (1) Meta persuna li tikkwalifika biex tagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema tkun tokkupa bħala r-residenza ordinarja tagħha dar ta' abitazzjoni taħt titolu ta' proprjetà assoluta jew ta' enfitewżi perpetwa u tkun tixtieq tibdel għal residenza ordinarja oħra, dik il-persuna tista' tapplika għal sussidju skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola.

(2) Qabel ma jagħmel applikazzjoni l-applikant għandu jkun daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ dwar id-dar ta' abitazzjoni okkupata mill-applikant bħala residenza ordinarja.

(3) Qabel ma jkun jista' jiffinalizza s-self u jiġbed fondi skond il-ftehim tas-self l-applikant għandu jikkonkludi l-att ta' bejgħ dwar id-dar ta' abitazzjoni koperta bil-ftehim ta' wegħda ta' bejgħ kif intqal qabel.

(4) Id-dħul mill-bejgħ skond is-subklawżola (3) ta' din il-klawżola għandu jintuża kollu biex jiffinanzja x-xiri tad-dar ta' abitazzjoni li dwarha jkun ġie avvanzat is-self.

(5) Meta l-applikant ikun biegħ id-dar ta' abitazzjoni, li kienet okkupata minnu bħala r-residenza ordinarja tiegħu, minnufih qabel l-applikazzjoni jew fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni, id-dħul minn dak il-bejgħ għandu jintuża biex jiffinanzja x-xiri mill-applikant tad-dar ta' abitazzjoni li dwarha jista' jiġi avvanzat self u jingħata sussidju fuq l-applikazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-klawżola.

(6) Id-Direttur ikollu d-dritt li jaħtar perit jew aktar biex jistabbilixxi l-valur fis-suq tad-dar ta' abitazzjoni mibjugħa jew li tkun se tinbiegħ mill-applikant taħt id-dispożizzjonijiet ta' din il-klawżola u l-valur hekk stabilit u approvat mid-Direttur jitqies li jkun id-dħul mill-bejgħ għall-finijiet tas-subklawżoli (4) u (5) ta' din il-klawżola.

Bdil ta' residenza ordinarja minn ċenswalist temporanju.

7. (1) Meta persuna li tikkwalifika biex tagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema tkun tokkupa bħala r-residenza ordinarja tagħha dar ta' abitazzjoni taħt titolu ta' enfitewżi temporanja u tkun tixtieq tibdel għal residenza ordinarja oħra iżda ma tkunx tixtieq li tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) tal-klawżola 14 ta' din l-Iskema, dik il-persuna tista' tapplika għal sussidju taħt din l-Iskema skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subklawżoli (2) u (3) tal-klawżola 6 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw dwar il-kumplament tal-perijodu ta' l-enfitewżi.

(3) Meta applikazzjoni ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din il-klawżola s-self massimu ssussidjat li jingħata taħt din l-Iskema jitnaqqas b'elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500).

(4) Meta persuna tkun diġà trasferiet il-kumplament tal-perijodu ta' l-enfitewżi hija ma għandhiex, għal dik ir-raġuni waħedha, tiġi skwalifikata milli tagħmel applikazzjoni taħt din il-klawżola iżda meta t-trasferiment ikun sar minnufih qabel l-applikazzjoni jew fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni d-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (3) ta' din il-klawżola għandhom japplikaw.

Persuni li jkunu diġà kisbu self.

8. Kull persuna li, qabel il-bidu fis-seħħ ta' din l-Iskema iżda mill-14 ta' Novembru 1987 lil hawn, tkun kisbet self minn istituzzjoni finanzjarja, skond kif tista' tkun approvata mid-Direttur, għax-xiri, kostruzzjoni jew tlestija ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minnha bħala r-residenza ordinarja tagħha ma għandhiex, għal dik ir-raġuni waħedha, tiġi skwalifikata milli tagħmel applikazzjoni għal sussidju taħt din l-Iskema basta li altrimenti tkun hekk tikkwalifika biex tagħmel dik l-applikazzjoni.

Kondizzjonijiet tas-self.

9. (1) Is-self imsemmi fis-subklawżola (1) tal-klawżola 3 ta' din l-Iskema u magħmul għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmijin fil-klawżola 5 għandu jissellef minn istituzzjoni finanzjarja approvata mid-

Direttur u l-ammont tas-self li jattratta sussidju taħt din l-Iskema ma għandux jeċċedi l-limitu massimu kif imniżżel fil-klawżola 10 ta' din l-Iskema.

(2) Is-self għandu jitħallas lura f'perijodu massimu ta' ħamsa u għoxrin sena skond l-*income* tal-benefiċjarju skond il-kondizzjonijiet li fuqhom ikun sar ftehim bejn il-benefiċjarju u l-istituzzjoni finanzjarja msemmija qabel.

Sussidju ta' imgħax.

10. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola, id-Direttur jissussidja l-imgħax li jitħallas fuq self magħmul skond din l-Iskema ħekk li l-imgħax pagabbli mill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata jkun bir-rata murija fit-tieni kolonna tat-Tabella A annessa ma' din l-Iskema sal-limitu massimu muri fit-tielet kolonna ta' l-imsemmija Tabella u skond il-valur tad-dar ta' abitazzjoni, skond kif jista' jiġi stabbilit mid-Direttur, muri fl-ewwel kolonna ta' l-istess Tabella.

(2) Meta l-applikazzjoni ssir minn persuni għarajjes ta' xulxin jew minn persuna mhux miżżewġa skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema, ir-rata ta' imgħax li altrimenti titħallas mill-applikant taħt id-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (1) ta' din il-klawżola tiżdied b'1% jekk l-applikazzjoni tiġi approvata:

Iżda meta l-persuni għarajjes ta' xulxin sussegwentement jiżżewġu lil xulxin jew meta l-applikant mhux miżżewweġ sussegwentement jiżżewweġ, ir-rata ta' imgħax pagabbli taħt din is-subklawżola tista', fuq applikazzjoni li magħha jkun hemm kopja ta' l-att taż-żwieġ mir-Reġistru Pubbliku, titnaqqas b'1%.

(3) Meta d-dar ta' abitazzjoni li dwarha ssir l-applikazzjoni tkun ir-residenza ordinarja ta' l-applikant u l-familja tiegħu li tkun tikkonsisti f'ħames membri jew iżjed, magħdud l-applikant, ir-rata ta' imgħax li altrimenti titħallas mill-applikant taħt id-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (1) ta' din il-klawżola titnaqqas b'0.5%.

(4) Meta fiż-żmien li wieħed japplika d-dar ta' abitazzjoni li dwarha ssir l-applikazzjoni tkun ir-residenza ordinarja ta' l-applikant u l-familja tiegħu li tkun tikkonsisti f'inqas minn ħames membri inkluż l-applikant iżda n-numru ta' membri fil-familja sussegwentement jiżdied għal ħamsa jew iżjed ir-rata ta' imgħax tista', fuq applikazzjoni, titnaqqas kif provdut fis-subklawżola (3) ta' din il-klawżola b'seħħ mid-data li fiha jkun dovut li jsir il-ħlas ta' imgħax li jkun imiss.

(5) Id-Direttur ikollu d-dritt li jistabbilixxi l-valur fis-suq tad-dar ta' abitazzjoni imsemmi fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola ħekk kif provdut fis-subklawżola (6) tal-klawżola 6 ta' din l-Iskema u f'dak il-każ il-valur ħekk stabbilit u approvat mid-Direttur ikun il-valur ta' l-imsemmija dar ta' abitazzjoni għall-finijiet ta' din il-klawżola.

Djar mibnijin u lesti għall-abitazzjoni qabel l-1 ta' Jannar, 1939.

11. (1) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun tirreferi għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni mibnija u lesta għall-abitazzjoni qabel l-ewwel ta' Jannar, 1939 ikun intitolat, jekk l-applikazzjoni tiegħu tiġi approvata, għal *soft loan* addizzjonali sa massimu ta' tlett elef lira

Maltija (Lm3,000) li l-imgħax fuqu jiġi sussidjat mid-Direttur hekk li l-imgħax pagabbli fuqu mill-applikant ikun bir-rata ta' 1.5% basta li l-ammont totali tas-self mogħti ma jaqbiżx 80% tal-prezz tax-xiri tad-dar ta' abitazzjoni.

(2) Is-*soft loan* imsemmi fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola jista' jittieħed qabel is-self imsemmi fil-klawżola 10 ta' din l-Iskema iżda l-imsemmi *soft loan* ma jingħatax meta l-valur tad-dar ta' abitazzjoni kif stabbilit mid-Direttur jaqbeż ħmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).

(3) Meta l-valur tad-dar ta' abitazzjoni stabbilit kif intqal qabel jaqbeż ħmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) l-applikant jista' jibbenefika mis-*soft loan* li hemm provdut għalih fil-klawżola 12 ta' din l-Iskema.

(4) Applikant taħt din il-klawżola jista' wkoll japplika għal self ieħor li ma jaqbiżx elfejn lira Maltija (Lm2,000), bir-rata sussidjata ta' imgħax imsemmija fil-klawżola 10 ta' din l-Iskema għall-iskop ta' titjib fid-dar ta' abitazzjoni mixtrija.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (5) tal-klawżola 3 ta' din l-Iskema, persuna li tibbenefika, jew li tikkwalifika li tibbenefika, taħt din il-klawżola ma tiġix skwalifikata għal dik ir-raġuni waħedha milli tibbenefika, wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, taħt l-iskema ppubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 124 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988 jew taħt xi skema oħra li tissostitwixxiha.

Djar mibnijin u lesti għall-abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1939 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar, 1960.

12. (1) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun tirreferi għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1939 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar, 1960 ikun intitolat, jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, għal *soft loan* addizzjonali sa massimu ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) li l-imgħax fuqu jiġi sussidjat mid-Direttur hekk li l-imgħax pagabbli mill-applikant ikun bir-rata ta' 2.5% basta li l-ammont totali tas-self mogħti ma jaqbiżx 80% tal-prezz tax-xiri tad-dar ta' abitazzjoni.

(2) Is-*soft loan* imsemmi fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola jista' jittieħed qabel is-self imsemmi fil-klawżola 10 ta' din l-Iskema iżda l-imsemmi *soft loan* ma jingħatax meta l-valur massimu tad-dar ta' abitazzjoni kif stabbilit mid-Direttur jaqbeż għoxrin elf lira Maltija (Lm20,000).

(3) Meta l-valur massimu tad-dar ta' abitazzjoni stabbilit kif intqal qabel jaqbeż għoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) l-applikant jista' jibbenefika mis-*soft loan* li hemm provdut għalih fil-klawżola li ġejja.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subklawżoli (4) u (5) tal-klawżola 11 ta' din l-Iskema għandhom japplikaw għal applikant jew persuna li tibbenefika jew tikkwalifika li tibbenefika taħt din il-klawżola.

Djar mibnijin u lesti għall-abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1960 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar, 1980.

13. (1) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun tirreferi għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1960 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar, 1980 ikun intitolat, jekk l-

applikazzjoni tiegħu tiġi approvata, għal *soft loan* addizzjonali sa massimu ta' elf lira Maltija (Lm1,000) li l-imgħax fuqu jiġi sussidjat mid-Direttur hekk li l-imgħax pagabbli fuqu mill-applikant ikun bir-rata ta' 3% basta li l-ammont totali tas-self mogħti ma jaqbiżx 80% tal-prezz tax-xiri tad-dar ta' abitazzjoni.

(2) Is-*soft loan* imsemmi fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola jista' jittieħed qabel is-self imsemmi fil-klawżola 10 ta' din l-Iskema iżda s-*soft loan* imsemmi ma jingħatax meta l-valur tad-dar ta' abitazzjoni kif stabbilit mid-Direttur jaqbeż ħamsa u għoxrin elf lira Maltija (Lm25,000).

Obbligi ġenerali ta' l-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi approvata.

14. L-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata għandu:—

(a) għal dak iż-żmien kollu li s-self ikun għadu ma tħallasx, iżomm id-dar ta' abitazzjoni in kwestjoni fi stat tajjeb ta' tiswija għas-sodisfazzjon tad-Direttur u għandu jagħmel tajjeb għal xi ħsara, sew jekk ordinarja, straordinarja jew aċċidentali, ikkaġunata lid-dar ta' abitazzjoni bla ħsara għad-drittijiet tiegħu ta' rikors kontra terzi persuni;

(b) iħallas l-ammonti kollha dovuti fuq id-dar ta' abitazzjoni u jagħti lid-Direttur prova ta' dawk il-pagamenti meta jkun hekk mitlub;

(ċ) ma jużax id-dar ta' abitazzjoni għal xi skop ħlief dak ta' dar ta' abitazzjoni;

(d) jikkonsenja ċ-ċwievet u l-pussess tal-fond li, fid-data ta' l-applikazzjoni jew f'xi żmien matul il-perijodu ta' sitt xhur minnufih qabel l-applikazzjoni, kien okkupat mill-applikant bħala r-residenza ordinarja tiegħu sakemm dak il-fond kien miżmum mill-applikant taħt titolu ta' kiri jew ta' enfitewżi temporanja; dik il-konsenja għandha ssir appena l-applikant jokkupa d-dar ta' abitazzjoni li għaliha tirreferi l-applikazzjoni iżda f'kull każ mhux aktar tard miż-żmien imħolli fil-klawżola 15 għal okkupazzjoni mill-applikant.

(e) jippermetti lid-Direttur aċċess għad-dar ta' abitazzjoni li għaliha tirreferi l-applikazzjoni sa tlettax-il sena mid-data tal-ħruġ tal-permess tal-bini relattiv jew sa meta jkun tħallas lura s-self sussidjat taħt din l-Iskema, skond liema jiġi l-aħħar u skond il-każ.

Obbligi speċjali skond in-natura ta' l-applikazzjoni.

15. (1) Meta l-applikazzjoni tkun għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni taħt il-klawżola 13 ta' din l-Iskema, l-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata għandu:

(a) jikkonkludi l-att ta' xiri tad-dar ta' abitazzjoni fi żmien massimu ta' tliet xhur mid-data ta' l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni; u

(b) fi żmien tmintax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' xiri fil-każ ta' applikazzjoni flimkien minn persuni għarajjes, jew fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-każijiet l-oħra kollha, jokkupa l-imsemmija dar ta' abitazzjoni.

(2) Meta l-applikazzjoni tkun għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni taħt il-klawżola 11 jew 12 ta' din l-Iskema, l-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata għandu:

(a) jikkonkludi l-att ta' xiri tad-dar ta' abitazzjoni fi żmien massimu ta' tliet xhur mid-data ta' l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni; u

(b) fi żmien tmintax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' xiri fil-każ ta' applikazzjoni flimkien minn persuni għarajjes, jew fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-każijiet l-oħra kollha, jokkupa l-imsemmija dar ta' abitazzjoni.

(3) Meta l-applikazzjoni tkun għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni mhux lesta, l-applikant għandu jokkupa l-imsemmija dar ta' abitazzjoni fi żmien tmintax-il xahar mid-data ta' l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni.

(4) Meta l-applikazzjoni tkun għall-kostruzzjoni ta' dar ta' abitazzjoni, l-applikant għandu jibda x-xogħol tal-bini fi żmien tliet xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess tal-bini relattiv u għandu jlesti l-bini tad-dar ta' abitazzjoni lesta għall-abitazzjoni u għandu jokkupa l-istess dar fi żmien tliet snin u tliet xhur mill-imsemmija data.

Effetti tat-tħassir ta' l-għerusija fuq applikazzjonijiet flimkien minn persuni għarajjes.

16. (1) Fil-każ ta' applikazzjoni flimkien minn persuni għarajjes, meta l-għerusija tiġi sussegwentement imħassra:

(a) iż-żewġ applikanti għandhom, fi żmien tletin jum mid-data ta' dak it-tħassir, javżaw lid-Direttur b'dak it-tħassir;

(b) id-Direttur għandu minnufih jissospendi s-sussidju fuq ir-rata ta' imgħax u kull ġbid ieħor fuq il-kont tas-self sakemm isiru investigazzjonijiet u jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fuqhom.

(ċ) l-applikanti għandhom, fi żmien tletin jum mid-data ta' l-avviż imsemmi fil-paragrafu (a) ta' din is-subklawżola u skond u suġġett għall-kondizzjonijiet imniżżla fid-dispożizzjonijiet tal-klawżola 18 ta' din l-Iskema, flimkien jitolbu bil-miktub awtorità biex jitrasferixxu taħt titolu ta' bejgħ jew enfitewżi perpetwa d-dar ta' abitazzjoni li dwarha kienet ġiet approvata l-applikazzjoni tagħhom;

(d) l-applikanti għandhom, fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-talba tagħhom magħmula skond il-paragrafu (ċ) ta' din is-subklawżola, jitrasferixxu l-imsemmija dar ta' abitazzjoni kif intqal qabel:

Iżda d-Direttur jista' jestendi l-perijodu msemmi ta' tliet xhur skond kif jista' jqis xieraq.

(2) Meta l-applikanti jonqsu li jħarsu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tas-subklawżola (1) ta' din il-klawżola d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-istess subklawżola għandhom japplikaw mid-data li d-Direttur isir xort'oħra jaf bit-tħassir ta' l-għerusija.

(3) Meta, minkejja l-isforzi ta' l-applikanti biex jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (ċ) u (d) tas-subklawżola (1) ta' din il-klawżola, it-trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni ma jkunx jista' jsir fiż-żmien imniżżel fl-imsemmi paragrafu (d) minħabba li ebda xerrej jew akkwistur tad-dar ta' abitazzjoni ma jersaq biex jikkonkludi t-trasferiment, id-Direttur ikollu d-dritt li jixtri jew jakkwista l-imsemmija dar ta' abitazzjoni mingħand l-applikanti bi prezz stabbilit minn perit assenjat għal dak il-għan mid-Direttur jew li jitlob lill-applikanti biex jawtorizzawh li jitrasferixxi kif intqal qabel l-istess dar ta' abitazzjoni għan-nom tagħhom.

(4) Meta d-Direttur jeżerċita d-dritt tiegħu imsemmi qabel li jixtri jew jakkwista d-dar ta' abitazzjoni, mill-prezz stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (3) ta' din il-klawżola d-Direttur għandu jnaqqas is-sussidji kollha li minnhom l-applikanti jkunu bbenefikaw taħt din l-Iskema u l-ispejjeż u l-pieni kollha kif stabbiliti mid-Direttur u l-bilanċ li jibqa' għandu jkun l-ammont pagabbli lill-applikanti ma' l-att ta' trasferiment bla ħsara ta' xi obbligi li huma jkunu daħlu għalihom a favur l-istituzzjoni finanzjarja approvata mid-Direttur dwar is-self avvanzat lilhom.

Ksur tal-kondizzjonijiet jew tagħrif falz mill-applikant.

17. (1) Meta l-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi approvata jonqos li jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu taħt din l-Iskema jew meta jinstab li xi tagħrif sottomess mill-applikant ma jkunx korrett id-Direttur jista', mingħajr ħsara għad-dritt tiegħu li jtemm xi ftehim taħt din l-Iskema jew li jestendi għal kawża ġusta kull limitu ta' żmien taħtha, jieħu kull pass jew il-passi kollha minn dawn li ġejjin:

(a) jissospendi, jtemm jew inaqqas is-sussidju;

(b) jissospendi jew jipprojbixxi kull ġbid ieħor fuq il-kont tas-self;

(ċ) jiġbor lura kull self, sussidju jew benefiċċju ieħor jew is-self kollu, is-sussidji kollha jew il-benefiċċji l-oħra kollha li l-applikant ikun irċeva taħt din l-Iskema;

(d) jimponi fuq l-applikant il-ħlas ta' piena ta' erba' liri Maltin (Lm4.00) għal kull ġimgħa jew parti minnha li matulha l-applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata ikun qiegħed jonqos.

(2) Kull min jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet imposti fuqu taħt din l-Iskema jew min jagħti tagħrif falz għall-finijiet ta' xi applikazzjoni magħmula minnu taħt din l-Iskema jiġi skwalifikat għal perijodu ta' ħames snin milli jibbenefika minn xi skema magħmula bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari responsabbli għad-djar.

Trasferiment mill-benefiċjarju.

18. (1) Kull dar ta' abitazzjoni akkwistata taħt din l-Iskema ma għandhiex tiġi trasferita taħt xi titolu, ħlief għal *causa mortis*, mill-benefiċjarju kemm-il darba dan ma jħarisx id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola.

(2) Meta l-benefiċjarju jkun ħa self taħt id-dispożizzjonijiet tal-klawżoli 11, 12 u 13 ta' din l-Iskema u t-trasferiment ikun se jsir fi żmien għaxar snin mid-data ta' l-ewwel ġbid fuq is-self, il-benefiċjarju għandu, qabel ma jsir it-trasferiment, iħallas lid-Direttur u lill-istituzzjoni finanzjarja approvata minnu taħt din l-Iskema, skond il-każ, il-valur sħiħ jew parti mill-valur ta' xi sussidju jew benefiċċju ieħor li l-benefiċjarju jkun irċeva kif imniżżel fit-tieni kolonna tat-Tabella B annessa ma' din l-Iskema skond il-perijodu ta' wara l-ewwel ġbid fuq il-kont tas-self kif muri fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Tabella.

(3) Meta l-benefiċjarju jkun ħa self li ma jkunx self kif imsemmi fis-subklawżola (2) ta' din il-klawżola u t-trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni jkun se jsir fi żmien tlettax-il sena mid-data ta' l-ewwel ġbid fuq is-self, il-benefiċjarju għandu, qabel ma jsir it-trasferiment, iħallas lid-Direttur u lill-istituzzjoni finanzjarja approvata minnu taħt din l-Iskema, skond il-każ, il-valur sħiħ jew parti mill-valur ta' xi sussidju jew benefiċċju ieħor li l-benefiċjarju jkun irċeva kif imniżżel fit-tieni kolonna tat-Tabella Ċ annessa ma' din l-Iskema skond il-perijodu ta' wara l-ewwel ġbid fuq il-kont tas-self kif muri fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Tabella.

(4) Meta l-benefiċjarju jkun ħa self kif imsemmi fis-subklawżola (2) jew (3) ta' din il-klawżola u t-trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni ikun se jsir wara għaxar snin jew tlettax-il sena rispettivament, skond il-każ, mid-data ta' l-ewwel ġbid fuq is-self, il-benefiċjarju għandu jagħti lid-Direttur avviż ta' xahar tal-ħsieb tiegħu li jitrasferixxi l-imsemmija dar ta' abitazzjoni u d-Direttur għandu minnufih itemm kull arranġament għas-sussidju taħt din l-Iskema ta' xi imgħax pagabbli mill-benefiċjarju.

Ħelsien mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni.

19. Ħelsien kif provdut fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali huwa b'dan mogħti mal-mewt tal-benefiċjarju, u meta l-benefiċjarju jkun miżżewweġ fil-waqt ta' l-akkwist tad-dar ta' abitazzjoni, ukoll mal-mewt ta' mart jew żewġ il-benefiċjarju, dwar xi dar ta' abitazzjoni akkwistata taħt id-dispożizzjonijiet tal-klawżola 11 jew 12 ta' din l-Iskema u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dak l-Att għandhom għalhekk japplikaw għaliha:

Iżda l-ħelsien fuq imsemmi għandu japplika biss dwar l-ewwel sebat elf lira Maltija (Lm7,000) tal-valur tad-dar ta' abitazzjoni.

Dritt li dar ta' abitazzjoni titneħħa mill-kontroll. Kap. 158.

20. Huwa b'dan mogħti d-dritt li wieħed jirreġistra taħt l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar dar ta' abitazzjoni akkwistata minn benefiċjarju taħt id-dispożizzjonijiet tal-klawżola 11 jew 12 ta' din l-Iskema u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandhom għalhekk japplikaw għaliha.

Ħelsien mit-taxxa fuq dokumenti. Att XXXI ta' l-1981.

21. It-trasferiment ta' dar ta' abitazzjoni lil benefiċjarju taħt din l-Iskema jkun eżenti mill-ħlas tat-taxxi li ġejjin taħt l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din il-klawżola imsejjaħ "l-Att", sakemm it-trasferiment isir taħt id-dispożizzjonijiet tal-klawżola 11 jew 12 ta' din l-Iskema u l-benefiċjarju b'hekk isir is-sid assolut ta' proprjetà immobbli għall-ewwel darba:—

(a) 33% mit-taxxa li kien ikollha titħallas taħt it-Titlu III tat-Taqsima III ta' l-Att fuq l-att ta' trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni lill-benefiċjarju;

(b) 33% mit-taxxa li kien ikollha titħallas taħt it-Titlu IV tat-Taqsima III ta' l-Att fuq l-irċevuta tal-pagament tal-prezz jew konsiderazzjoni oħra għat-trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni lill-benefiċjarju.

Preżentazzjoni u abbandun ta' applikazzjonijiet.

22. (1) Kull applikazzjoni taħt din l-Iskema għandha tiġi preżentata personalment jew bil-posta reġistrata mill-applikant lid-Direttur.

(2) Meta xi applikant taħt din l-Iskema jonqos li jidher għall-ftehim tal-wegħda ta' bejgħ jew għall-att ta' bejgħ jew trasferiment, skond il-każ, meta jkun imsejjaħ biex jagħmel hekk mill-bejjiegħ jew trasferitur, l-applikazzjoni tiegħu titqies li tkun ġiet abbandunata.

Dritt ta' rifjut.

23. Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din l-Iskema, id-Direttur ikollu d-dritt li jirrifjuta kull applikazzjoni.

TABELLA A

(Klawżola 10)

L-Ewwel Kolonna Valur tad-Dar ta' Abitazzjoni f'Liri Maltin	It-Tieni Kolonna Rata ta' Imgħax fil-Mija	It-Tielet Kolonna Self Massimu Sussidjat
0 – 5,000	2.00	4,000
5,001 – 6,000	2.20	4,200
6,001 – 7,000	2.40	4,400
7,001 – 8,000	2.60	4,600
8,001 – 9,000	2.80	4,800
9,001 – 10,000	3.00	5,000
10,001 – 11,000	3.20	5,200
11,001 – 12,000	3.40	5,400
12,001 – 13,000	3.60	5,600

L-Ewwel Kolonna Valur tad-Dar ta' Abitazzjoni f'Liri Maltin	It-Tieni Kolonna Rata ta' Imgħax fil-Mija	It-Tielet Kolonna Self Massimu Sussidjat
13,001 – 14,000	3.80	5,800
14,001 – 15,000	4.00	6,000
15,001 – 16,000	4.20	6,400
16,001 – 17,000	4.40	6,800
17,001 – 18,000	4.60	7,200
18,001 – 19,000	4.80	7,600
19,001 – 20,000	5.00	8,000
20,001 – 21,000	5.20	8,400
21,001 – 22,000	5.40	8,800
22,001 – 23,000	5.60	9,200
23,001 – 24,000	5.80	9,600
24,001 – 25,000	6.00	10,000

TABELLA B

(Klawżola 18)

L-Ewwel Kolonna Perijodu fi Snin wara l-Ewwel Ġbid fuq il-Kont tas-Self	It-Tieni Kolonna Perċentaġġ tal-Valur ta' Sussidju jew Benefiċċju ieħor li għandu Jitħallas Lura
Inqas minn 4	100
4 jew iżjed iżda inqas minn 5	85
5 jew iżjed iżda inqas minn 6	70
6 jew iżjed iżda inqas minn 7	55
7 jew iżjed iżda inqas minn 8	40
8 jew iżjed iżda inqas minn 9	25
9 jew iżjed iżda inqas minn 10	10

TABELLA Ċ

(Klawżola 18)

L-Ewwel Kolonna Perijodu fi Snin wara L-Ewwel Ġbid fuq il-Kont tas-Self	It-Tieni Kolonna Perċentaġġ tal-Valur ta' Sussidju jew Beneficċju ieħor li għandu Jitħallas Lura
Inqas minn 7	100
7 jew iżjed iżda inqas minn 8	85
8 jew iżjed iżda inqas minn 9	70
9 jew iżjed iżda inqas minn 10	55
10 jew iżjed iżda inqas minn 11	40
11 jew iżjed iżda inqas minn 12	25
12 jew iżjed iżda inqas minn 13	10